# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.4

**Kap 1: Id-Dinja Sabiħa!**

**Lezzjoni 1.4 – Nies li jgħinuna.**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jidentifikaw in-nies li jħobbuhom u jgħinuhom f' ħajjithom.
2. Jidentifikaw xi nies f'Malta li jservu t' għajnuna biex il-pajjiż jimxi 'l quddiem.
3. Jifhmu kemm hu importanti li nirrispettaw lil kulħadd.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Presentation We help each other:*

  http://www.youtube.com/watch?v=_tULnPRVszs

- *Song Children helping Children*:

  http://www.youtube.com/watch?v=NjTsXVsK-dw

- *Karta ta' taħriġ addizzjonali* "Nies li jgħinuna".

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni billi tagħti ftit ħin lit-tfal sabiex jaħsbu f' nies li jgħinuhom.
- Staqsi: Min jgħinkom u kif jgħinkom?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Nenfasizzaw l-importanza u l-imħabba tan-nies ta' madwarna: il-ġenituri, in-nanniet, ħutna, l-għalliema, il-ħbieb, is-saċerdoti, is-sorijiet u l-katekisti.
- Kif jgħinuna dawn in-nies?
- Hemm nies oħra li jgħinuna? Kif?

  Nispjegaw l-importanza tal-pulizija, is-suldati u l-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili li qegħdin hemm f'każi ta' emerġenza.
- Iddiskuti: Lil min ikollna bżonn ukoll f' ħajjitna sabiex inkunu f' saħħitna?
- Staqsi jekk hemmx xi ħadd mit-tfal li għandu xi ners, pulizija, tabib....fil-familja.
- Spjega lit-tfal li dawn li semmejna huma nies li jkollna kuntatt magħhom u ta' spiss. Niġu bżonn l-għajnuna tagħhom għalina personali.
- Staqsi :Kif għandna nġibu ruħna ma' dawn in-nies? Kif nuru r-ringrazzjamenti tagħna?

- Fakkar lit-tfal li hemm nies oħra li niġu bżonnhom għal affarijiet oħra.- is-Sindku, ir-Rappreżentanti fil-Parlament, il-President, l-Arċisqof...
- Spjega kif dawn iservu t'għajnuna sabiex Malta timxi 'l quddiem.
- Staqsi: Kif inġibu ruħna magħhom?
- Enfasizza li bil-mod ta' kif naġixxu, inkunu qed nuru l-apprezzament u r-rispett tagħna lejn dawn in-nies.
- Agħlaq din il-parti tal-lezzjoni billi turi li kif aħna għandna nies li jgħinuna, aħna wkoll nistgħu ngħinu lill-oħrajn. Staqsi kif dan nistgħu nagħmluh.
- Uri: http://www.youtube.com/watch?v=_tULnPRVszs
- Staqsi lit-tfal x'laqathom mill-istorja u iġbor l-aktar punti importanti fiha.
- Jekk ikun possibbli, jew jekk tkun trid stieden lit-tfal biex jaħdmu l-Karta Addizzjonali *Nies li jgħinuna*.
- Agħlaq il-lezzjoni billi flimkien tkantaw: *Children helping Children*:

  http://www.youtube.com/watch?v=NjTsXVsK-dw

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Biex ikollna ħajja aħjar, għandna bżonn l-għajnuna u l-imħabba ta' bosta nies.
2. Anke pajjiżna għandu bżonn nies (mexxejja) sabiex jimxi 'l quddiem.
3. Aħna għandna napprezzaw u nirrispettaw lil kull min jgħinna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



L-istudenti jifhmu li kull min jgħinhom

biex isiru aħjar, iridu jħobbuh u

jirrispettawh. Dan iridu juruh ukoll b'dak li jagħmlu.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD eċċ

Flimkien inkantaw id-diska *Children helping Children:*

http://www.youtube.com/watch?v=NjTsXVsK-dw



## Nitolbu



Mulej, grazzi tan-nies li tajtna biex jgħinuna u jħobbuna.  Ħu ħsiebhom u berikhom.